HAL BALZAN

L-EWWEL SENA Nru. 4 — LEHEN IL-KUMITAT ĊIVIKU — MARZU/APRIL 1972

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(4) IL-KNEJJES IŻ-ŻGĦAR TA' ĦAL BALZAN

Minn Dun Ġwann Dimech

Issa li qed nitkellmu fuq il-knejjes iż-żgħar ta' Ħal Balzan, wasal iż-żmien li nitkellmu mit-Tliet Knejjes li sal-ġurnata tal-lum għad għandna triq imsemmija għalihom: Triq it-Tliet Knejjes. Iżda qabel ma nibdew nagħtu t-tagħrif dwar kull waħda mit-Tliet Knejjes, tajjeb ngħidu liema kienu. Dawn it-Tliet Knejjes kienu: Il-Knisja ta' l-Annunzjata, il-Knisja ta' San Anard, u l-Knisja ta' Santu Rokku. Minn dawn it-Tliet Knejjes għadhom jistgħu jintużaw bħala Knejjes: il-Knisja ta' l-Annunzjata u l-Knisja ta' Santu Rokku. Fil-Knisja ta' San Anard, għad li llum sarulha xi alterazzjonijiet fil-faċċata u ġewwa, għad hemm il-ħnejjiet u l-ħitan ta' ġewwa li għadhom igawdu l-oriġinalita' tal-bini tagħhom bħal meta kienet isservi bħala knisja. Il-faċċata ta' din il-Knisja sarulha xi alterazzjonijiet żgħar u tbiddlet u saret tixbah lil faċċata ta' dar.

Iżda qabel ma nibdew nitkellmu fuq kull waħda minn dawn il-Knejjes, tajjeb li naraw x'kienet ir-raġuni li dawn il-Knejjes inbnew hekk magħqudin u viċin ta' xulxin.

Kienet drawwa tas-seklu ħmistax, fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex, li spiss jinbnew knejjes żgħar fi gruppi ta' tnejn, ta' tlieta, u xi drabi ta' erbgħa.(1) Biex inġibu eżempju ta' fejn insibu żewġ knejjes magħqudin jew viċini ħafna ta' xulxin insemmu dawk ta' San Nikola u ta' Santa Luċija ta' Ġnien il-Far, fil-limiti ta' l-Imdina; iż-żewġ Knejjes ta' Santa Marija u ta' San Anard f'Ħal Kirkop; dawk ta' San Bastjan u ta' San Mikiel fl-Imqabba.

Eżempji ta' tliet knejjes magħqudin jew viċini ħafna ta' xulxin, imbarra dawk tagħna, insemmu t-Tliet Knejjes ta' San Luqa, ta' San Pawl u ta' San Nikola f'Ħal Tarxien; il-Knejjes tas-Salib, ta' San Mark u ta' San Ġakbu fir-Rabat ta' Għawdex. (2) Dawn juru li peress li kienet drawwa f'dak is-seklu, Ħal Balzan ma riedx jibqa' lura u hawn ukoll ġew mibnija tliet knejjes ħdejn xulxin.

Karatteristika oħra kienet li quddiem x'uħud minn dawn il-gruppi ta' knejjes ħdejn xulxin, kien ikollhom bħal bitħa li ġeneralment kienet isservi ta' Ċimiterju, u minn hawn, naħsbu, li kellha l-oriġini l-kelma "zuntier" (korruzzjoni tal-kelma latina "coemeterium"). Aħna bqajna nużaw il-kelma zuntier għal dak l-ispazju li nsibu quddiem il-knejjes tagħna. (3). Fil-każ tat-Tliet Knejjes ta' Ħal Balzan, insibu li dan l-ispazju quddiem dawn it-Tliet Knejjes b'salib tal-ġebel fuq kolonna, kien tassew jintuża bħala Ċimiterju.

Wara din l-introduzzjoni, sejrin issa nibdew nidħlu f'dettalji dwar kull waħda mit-Tliet Knejjes, u nibdew naraw x'tagħrif għandna dwar l-ewwel Knisja.

IL-KNISJA TA' L-ANNUNZJATA

Fejn u meta nbniet din il-Knisja

Il-Knisja ta' l-Annunzjata ġiet mibnija fil-parti l-aktar popolata u fil-qalba ta' Ħal Balzan. Jekk tiftakru sewwa, il-knejjes li diġa' tkellimna fuqhom kienu kollha mibnijin fit-truf tar-raħal. Iżda din le. Din kellha tkun il-knisja prinċipali tar-raħal u għalhekk sija l-post kemm ukoll il-kobor kellhom ikunu proporzjonati skond l-esiġenzi ta' dawk iż-żminijiet. Dan nafuh tajjeb mill-ewwel tagħrif li għandna dwar din il-Knisja, li jagħtihulna Monsinjur Pietru Duzina fil-Viżta li għamel lil din il-Knisja nhar l-1 ta' Frar 1575. Dan il-Viżitatur Apostoliku jgħidilna li din il-Knisja ġiet mibnija fis-seklu sittax u li kienet mill-bidu ddedikata lill Marija Annunzjata. (4).

Il-Knisja minn barra

Minn meta ġiet mibnija din il-Knisja ta' l-Annunzjata sal-ġurnata tal-lum, din il-Knisja baqgħet tgawdi l-oriġinalita' tagħha minn barra. Dan hu prova ta' kemm in-nies ta' dan ir-raħal ħabbew lil din il-Knisja u beżgħu għaliha tul l-erba' mitt sena li ilha teżisti, u nittamaw li dawk li jiġu warajna jibqgħu jibżgħu għall-wirt li qed inħallulhom.

L-istil tal-faċċata ta' din il-Knisja huwa identiku ma' l-istil li fuqu kienu jiġu mibnija l-knejjes ta' dak iż-żmien. Ir-rid ngħid, stil sempliċi ħafna. Ta' min jinnota l-blata tal-bieb li hija ffurmata minn arkipjan. Fuq il-bieb insibu tieqa żgħira rettangolari bi grada tal-ħadid u l-faċċata tispiċċa b'kampnar żgħir fin-nofs, li sa ftit ilu kien fih qanpiena żgħira.

X'jingħad fil-Viżti Pastorali dwar din il-Knisja minn barra

Monsinjur Isqof Balthassar Cagliares, fil-Viżta Pastorali li għamel lil din il-Knisja nhar it-28 ta' Novembru 1615, jgħid li l-bieb ta' din il-Knisja jħares lejn il-punent. Jgħid ukoll li quddiem din il-Knisja hemm Ċimiterju kbir b'salib fuq kolonna tal-ġebel fin-nofs.

Il-Vigarju Kapitulari, Don Pietro Francesco Pontremoli, fir-relazzjoni tiegħu dwar iż-żjara tiegħu lil din il-Knisja, nhar it-8 ta' Ottubru 1634, isemmi li din il-Knisja, barra mill-bieb prinċipali li jħares lejn il-punent, għandha bieb ieħor li jħares lejn nofsinhar.

L-Isqof David Cocco Palmieri, nhar it-3 ta' Diċembru 1686 żar lil din il-Knisja u jgħid li fiha tliet bibien: il-maġġur iħares lejn il-punent, it-tieni jħares lejn nofs inhar li jagħti għal bitħa mdawwra b'ħajt, u t-tielet iħares lejn it-tramuntana u jżid igħid li minn dan il-bieb tgħaddi għal ġol-Knisja l-oħra ta' San Anard.

Il-Knisja minn ġewwa

Il-Knisja ta' l-Annunzjata hija twila 37 pied u 4 pulzieri u wiesgħa 22 pied u 5 pulzieri.

Din il-Knisja minn ġewwa tista' tgħid li ma sarulha ebda alterazzjonijiet minn meta ġiet mibnija. L-unika ħaġa li wieħed josserva hi li l-artal maġġur fil-bidu kien mal-ħajt tal-faċċata u, wara ħafna żmien, l-aħħar ħnejja ġiet magħluqa, u l-artal ġie mressaq 'il quddiem biex wara l-artal setgħet issir sagristija.

Din il-Knisja fiha sitt ħnejjiet li huma ftit gotiċi. Minn waħda għall-oħra hemm bank tal-ġebel. (5) Għadu jidher sewwa fejn kienu l-bibien ġa msemmija, kif ukoll il-post ta' l-artali li 'l quddiem għad insemmu.

L-Oqbra f'din il-Knisja

Din il-Knisja fiha għaxar oqbra kbar u żewġ oqbra żgħar li kienu jidfnu fihom it-trabi. Dawn l-oqbra kienu mill-bidu f'din il-Knisja; tant hu hekk li l-Viżitatur Apostoliku Mons. P. Duzina fiż-żjara tiegħu lil din il-Knisja ma ħalliex ma jsemmix li f'din il-Knisja jinsabu xi oqbra. (6). Il-Vigarju Kapitulari Don P. Pontremoli jgħid, fil-Viżta li għamel nhar it-8 ta' Ottubru 1634,li f'din il-Knisja jinsabu ħafna oqbra.

Fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Laurentius Astiria, li għamel lil din il-Knisja nhar is-26 ta' Settembru 1673, jgħid li x'uħud mill-katavri li kienu midfuna f'din il-Knisja ġew ittrasportati fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida.

Fost dawk li kienu ġew midfuna f'din il-Knisja, insibu lill-ewwel Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Adriano Zarb, li miet nhar il-31 ta' Jannar 1662.

Fil-Viżta ta' Mons. Bartholomaeus Rull, li għamel nhar id-9 ta' Ottubru 1758, insibu li wara li żar lil din il-Knisja, bierek u talab għall-mejtin midfunin fiha. Din l-użanza baqgħet titwettaq mill-isqfijiet kollha li żaru lil din il-Knisja u l-mejtin midfunin f'din il-Knisja jiġu ta' kull sena m-bierka fl-Għid tal-Imwiet. Din hi drawwa antika ħafna u għadha tiġi osservata sal-lum.


L-Artal Maġġur

Mons. Duzina jsemmi li din il-Knisja għandha artal tal-ġebel sabiħ ħafna u li titla' għalih b'tarġa waħda tal-ġebel ukoll. Semma wkoll li barra minn dan l-artal hemm bosta artali oħra żgħar, u ordna li dawn jitneħħew għaliex qed joħolqu konfużjoni.

Nhar l-4 ta' Diċembru 1601, l-Isqof Thomas Gargallo ġie jara din il-Knisja u qal li fiha tliet artali: l-artal maġġur ta' l-Annunzjata, l-artal tal-lemin dedikat lill-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni lil Santa Eliżabetta, u l-artal tax-xellug dedikat lil Marija Annunzjata.

L-Isqof Cagliares jgħid li l-Kwadru ta' l-artal maġġur, li jirrappreżenta l-Annunzjazzjoni, hu sabiħ ħafna u jsemmi wkoll li hemm tliet lampieri

(ikompli f'paġna 2)



Il-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' l-Annunzjata.

Elite MENSWEAR
of South Street, Valletta
DRESS WEAR HIRE SERVICE
FOR
FASHIONABLE WEDDINGS
AND
SPECIAL OCCASIONS
We sell clothes too!
IN FACT WE ARE
THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR
JRP

Editorjal

DWAR IL-KORRISPONDENZA

Nixtiequ nirringrazzjaw minn qalbna lil dawk kollha li ferħulna u għamlulna l-kuraġġ għall-mod li bih qegħdin noħorġu l-gazzetta. Nafu li ħafna jkunu qegħdin jistennewha u sikwit xi nies isibuna u jistaqsuna meta tkun se tiġi ppublikata.

Dan juri li l-gazzetta mhux biss intgħoġbot iżda wkoll li ħafna Balzanin qed jinteressaw ruħhom fl-affarijiet u fl-attivitajiet li jsiru f'Ħal Balzan. L-aktar li nieħdu gost huwa meta xi wħud isaqsuna dwar l-istorja tal-parroċċa tagħna u juruna l-ferħ tagħhom li issa saru jafu li fit-tali post kien hemm knisja, jew inkella kif beda jinbena bil-mod Ħal Balzan.

Hemm ukoll ħafna, l-aktar żgħażagħ, li qed jitolbuna sabiex jiktbu xi artikoli għall-gazzetta. Aħna dan napprezzawh bil-qalb, imma rridu nagħmluha ċara li hija ħaġa mpossibbli l-ewwel nett li nippublikaw dak kollu li nirċievu u t-tieni nett li jkollna wisgħa biżżejjed fil-gazzetta. Ftakru li din tiġi ppublikata darba kull xahrejn. Nisperaw li kulħadd jifhimna.

Iżda b'daqshekk ma jfissirx li m'għandkomx tibagħtulna jew tagħtuna xi artikoli. Ibqgħu ċerti li xi darba jew oħra dawn jiġu ppublikati. La qegħdin nitkellmu fuq dan, nixtiequ wkoll nagħmlu laqgħa għal dawk li aħna qegħdin insejħu Korrispondenti, sabiex ikun hemm aktar għaqda bejnietna. Għalhekk dawk kollha li huma nteressati li jibdew jiktbu fil-gazzetta huma ġentilment mitluba li jgħidulna ħalli aktar 'il quddiem niddeċiedu meta għandha ssir din il-laqgħa.

La qegħdin nitkellmu dwar il-korrispondenza, nixtiequ nirringrazzjaw pubblikament lit-tabib Robert Farrugia Randon (li joqgħod fir-raħal tagħna) għas-sensiela ta' artikoli li huwa kitbilna u li l-ewwel wieħed minnhom qed jidher f'din il-ħarġa. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lis-Sur John Darmanin u oħrajn għall-artikoli li tawna, pero' nixtiequ ninfurmawhom li dawn jidhru aktar 'il quddiem.

Nixtiequkom ukoll li tagħmlulna xi suġġerimenti sabiex intejbu iżjed il-pubblikazzjoni tal-gazzetta "Ħal Balzan".

RAPPORT DWAR IL-"KONKORS GHALL-BELT JEW RAHAL MIZMUM L-AHJAR"

Ħal Balzan huwa wieħed mis-seba' pajjiżi f'Malta li daħlu għall-"Konkors għall-belt jew raħal miżmum l-aħjar." Billi ż-żmien li fih il-ġurija kellha tagħżel il-belt jew raħal miżmum l-aħjar issa għalaq, nagħmlu tajjeb li nħarsu ftit lura u nagħtu daqqa t'għajn lejn dak kollu li organizza l-Kumitat Ċiviku tagħna u l-ko-operazzjoni li sab min-nies ta' Ħal Balzan.

Qabel xejn irridu ngħidu li mhux il-poplu kollu segwa d-direttivi mogħtija mill-Kumitat. Kien hemm uħud li qagħdu għal dawn id-direttivi u taw sehemhom sabiex il-kampanja għall-indafa tkun suċċess. Dawn ħaqqhom min ifaħħarhom għax urew li jixtiequ jġibu 'l quddiem u jgħollu isem ir-raħal li fih twieldu jew li fih qegħdin igħammru. Min-naħa l-oħra, kien hemm oħrajn li ma wrew l-ebda ko-operazzjoni fil-ħidmiet tal-Kumitat. M'huwiex il-każ li dawn it-talin ma kinux jafu b'dawn il-ħidmiet għax propaganda għalihom saret biżżejjed. Jista' jkun, forsi, li billi dan il-Konkors kien qiegħed jiġi organizzat għall-ewwel darba, il-poplu ma kienx imħejji biżżejjed għall-attivitajiet kollha li ġew organizzati. Nittamaw li għal darb'oħra, jekk il-Bambin irid, il-Balzanin *kollha* jgħinu lill-Kumitat billi jimxu fuq id-direttivi mogħtija minnu.

Fost ħwejjeġ oħra, il-Kumitat Ċiviku ħajjar sabiex "kulħadd jiżbogħ u jżomm indaf u mgħottijin b'għatu d-dustbins tad-dar tiegħu, u jdaħħalhom ġewwa malajr meta jiġu mbattla". Naturalment, ħaġa bħal din m'għandhiex issir biss meta jiġi organizzat xi konkors ta' din ix-xorta. Din hija ħaġa li kull min għandu għal qalbu l-indafa u s-saħħa ta' dan ir-raħal għandu jara li jwettaq kuljum. Dwar il-qsari u l-pjanti li l-Kumitat ħeġġeġ sabiex jinħarġu fit-twieqi u l-gallarijiet tad-djar, ngħidu biss li aktar ma nagħtu l-ideja ta' ħdura fit-toroq u d-djar tagħna aktar inkunu nsebbħu lil dan ir-raħal li, wara kollox, huwa magħruf għall-ġonna sbieħ u arjużi tiegħu.

Il-Kumitat Ċiviku ħa ħsieb ukoll li jistampa 'posters' jew 'streamers' fuq l-indafa u l-ġmiel, u dawn kellhom jiġu mwaħħla mal-gallariji jew bibien tad-djar. Kif għedna qabel, kien hemm min ikkopera u kien hemm min le. Dan igħodd ukoll għal-laqgħat li l-Kumitat għamel fis-Sala "Aurora" fuq l-istess suġġett tal-Konkors. Saret laqgħa għall-kbar nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Novembru 1971, fis-7-15 p.m. u oħra għat-tfal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Novembru, fis-5.45 p.m. Din l-aħħar laqgħa, li saret bil-'filmstrip', għamilha s-Sur Victor Delicata, u l-attendenza tat-tfal kienet numeruża ħafna. It-tfal u żgħażagħ ħadu sehem ukoll f'żewġ konkorsi li ġew organizzati fuq is-suġġett "L-indafa u l-ġmiel ta' Ħal Balzan".

L-ewwel konkors kien dak ta' tpinġija, u fih ħadu sehem 35 tifel u tifla. It-tieni konkors kien dak ta' komponimenti jew 'essays' fuq l-istess suġġett, u għalih kellna biss komponiment wieħed. Kull wieħed miż-żewġ konkorsi kien maqsum f'żewġ klassijiet: (i) għal tfal, subien u bniet, bejn it-8 u t-12-il sena; (ii) għal tfal u żgħażagħ bejn it-13 u s-17-il sena. Kien hemm żewġ premjijiet f'kull klassi għal kull wieħed mill-konkorsi. Filwaqt li l-premjijiet tal-

(*ikompli pagna 3*)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL-BALZAN

(*jaqbad minn pagna 1*)

mdendlin quddiem dan il-kwadru. L-aqwa deskrizzjoni tal-artal u tal-kwadru jagħtihielna l-Vigarju Kapitulari Don Pietru Franc. Pontremoli, meta jgħidilna li dan il-kwadru hu mdawwar minn ornamenti ta' l-injam, kollha mpittra u ndurati. Isemmi wkoll kwadru ieħor taħt ta' l-Annunzjata, bi gwarniċ indurat u fih ix-xbieha ta' Kristu fin-nofs, b'San Pawl Apposlu fuq il-lemin u San Ġwann il-Battista fuq ix-xellug.

Fl-1637, l-Isqof Balaguer isemmi li fuq l-artal maġġur hemm skannell ta' l-injam li fuqu hemm impittra t-tnax-l Appostlu. Jgħid ukoll li fil-Kwadru titulari tal-Annunzjata hemm ix-Xbieha tal-Missier Etern.

L-Artal tal-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni

Dan l-artal insibuh imsemmi l-ewwel darba fl-1601. Dan l-artal qiegħed fil-lemin u għandu tarġa tal-ġebel. Fil-Viżta tal-Vigarju Ġenerali Pontremoli jissemma l-ventartal quddiem dan l-artal u jgħid li hu mpitter sabiħ ħafna.

Il-Kwadru ta' fuq l-artal

Fil-Viżti Pastorali li saru lil din il-Knisja mis-sena 1601 sas-sena 1686 insibu msemmi l-Kwadru tal-Viżitazzjoni ta' Marija Santissima. F'dan il-Kwadru hemm impittra n-naħa ta' fuq Marija Santissma, u n-naħa ta' isfel, Sant' Andrija Appostlu fuq il-lemin u San Blas Isqof fuq ix-xellug. Jingħad li dan il-Kwadru kien kbir u li kellu gwarniċ miżbugħ iswed.

Quddiem dan il-Kwadru kien hemm lampier li jinxtegħel fil-Ħdud u fil-Festi.

Obbligi ma' dan l-artal

Dan l-artal għandu mħollija biċċa art in-naħa ta' l-Imrieħel, magħrufa: "Il-Chibula". Din fis-sena 1646 kienet f'idejn l-aħwa Pietru u Brandu Borg, ulied Pietru Borg minn Ħal Balzan. Dawn kienu obbligati, skond it-testment li Mattew bin il-mejjet Ġiljanu Muscat għamel nhar it-22 ta' Awissu 1543, biex jieħdu ħsieb li jsir l-għasar lejliet il-Festa tal-Viżitazzjoni, li jitqassam l-ikel lill-qassisin u lill-foqra, u li nhar il-Festa titqaddes Quddiesa Kantata. Hemm l-Obbligu li jinxtegħel il-lampier fil-ġranet tas-soltu. (7).

Fil-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof David Cocco Palmieri, nhar l-20 ta' Mejju 1709, isemmi li dan l-artal bl-obbligi tiegħu kollha ġie trasferit fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida.

L-Artal ta' l-Annunzjazzjoni jsir ta' San Pawl l-Ewwel Eremit

Għedna li meta l-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina kien għamel il-Viżta tiegħu lil din il-Knisja ta' l-Annunzjata, nhar l-1 ta' Frar 1575, kien sab f'din il-Knisja ħafna artali. Fosthom kien hemm wieħed in-naħa tax-xellug li kien iddedikat ukoll lil Marija Annunzjata. Din kienet ħaġa li tistona ħafna meta diġa' kien hemm l-artal il-maġġur bit-titular ta' Marija Annunzjata. Għalhekk bir-raġun kollu nsibu li peress li dan l-artal ma kellu ebda obbligu, dak inhar li l-Isqof Monsinjur Thomas Gargallo ġie jara lil din il-Knisja, fl-4 ta' Diċembru 1601, ċertu Lorenzo Borg minn Ħal Balzan deher quddiem dan l-Isqof u talbu li jixtieq li dan l-artal ma jibqax aktar iddedikat lil Marija Annunzjata, iżda li jiġi ddedikat lil San Pawl l-Ewwel Eremit. Dan Lorenzo Borg wiegħed lill-Isqof li jekk ma jsibx diffikulta' u jaċċetta din it-talba, huwa kien lest taħt ġurament li jħalli biċċa art in-naħa ta' l-Imrieħel magħrufa "Ta' Santa Duminka", li min-nofs inhar tmiss ma' beni ta' l-istess Lorenzo Borg, mill-punent ma' mogħdija, mit-tramuntana ma' beni ta' Ġużeppi Chetcuti, u mill-lvant ma' beni ta' l-istess Lorenzo Borg. Dan hu magħruf mill-Atti tas-sena 1598 fol. 224. Din l-art ġiet imħollija biex ikunu jistgħu jsiru l-Għasar ta' lejlet il-Festa, il-Quddiesa Kantata ta' nhar il-Festa u biex jinxtegħel il-lampier u jsir kull ma hu meħtieġ għall-artal. (8).

Kif din it-talba ġiet aċċettata, Lorenzo Borg ħa ħsieb li fuq l-artal jitqiegħed il-Kwadru ta' San Pawl l-Ewwel Eremit.

Fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Balthassar Cagliares għamel lil din il-Knisja, nhar it-28 ta' Novembru 1615, jgħidilna li l-Kwadru fuq dan l-artal hu mpitter fuq l-injam u fih fin-nofs il-Madonna bil-Bambin Ġesu' f'ħoġorha, fil-lemin lil San Pawl l-Ewwel Eremit, u fix-xellug lil San Lawrenz Martri. Ix-xbieha ta' San Lawrenz daħlet peress li isem Borg kien Lorenzo.

Fir-relazzjonijiet ta' l-Isqfijiet mis-sena 1601 sas-sena 1699 insibu li dan l-artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit kien dejjem miżmum tajjeb u ma kien jonqsu xejn. Insibu wkoll li wara l-Għasar ta' lejlet il-Festa, li taħbat nhar is-26 ta' Jannar, kien jitqassam l-ikel lill-foqra u li l-lampier ta' quddiem il-Kwadru kien jinxtegħel is-sibtijiet u fil-festi.

Fl-Atti tan-Nutar Benedetto Vassallo nsibu li nhar l-24 ta' Settembru 1686, it-Tabib Fra Giuseppe Zammit, ta' l-Ordni Ġerosolomitan, ta biċċa art magħrufa "Tal-Għalia" lill-Artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit, bl-obbigu li jiġu ċċelebrati sitt quddisiet letti fl-ottava tal-Festa tal-fuq imsemmi qaddis. (9)

Nhar is-16 ta' Ottubru 1711, it-Tabib Fra Giuseppe Zammit Kappillan ta' l-Ordni Ġerosolomitan, talab li dan l-artal ta' San Pawl l-Ewwel Eremit jiġi trasferit minn din il-Knisja ta' l-Annunzjata għall-Knisja l-ġdida u jitqiegħed flok dak tal-Kurċifiss li dak iż-żmien kien fejn illum hemm il-Kwadru ta' San Pawl Eremit. Din it-talba ġiet milqugħa permezz ta' Digriet maħruġ mill-Kurja Veskovili nhar it-30 t'Ottubru 1711. (10)

Fil-Viżta ta' l-Isqof Jacobus Canaves fit-28 ta' Ottubru 1716 insibu li dan l-artal ġie trasferit fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida.

L-Artal tal-Madonna tar-Rużarju

Insibu lil dan l-artal imsemmi għall-ewwel darba fil-Viżta tat-12 ta' Diċembru 1658 li għamel lill-Knisja ta' l-Annunzjata l-Isqof Michael Joannes Balaguer Camarasa. Dan igħidilna li dan l-artal qiegħed in-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur, ħdejn l-artal tal-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni. F'din l-okkażjoni tissemma wkoll il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju, u jingħad li fiha xi 24 fratell kif ukoll li l-Prokuratur kien Ambroġ Abdilla.

Il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju

Fil-Viżta ta' l-istess Isqof, li għamel lil dan l-artal nhar is-26 ta' Ġunju 1662, isemmi l-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju. U jgħidilna li dan il-Kwadru fih impittra x-xbieha tal-Madonna u li mad-dawra tagħha hemm impittra wkoll il-ħmistax-il Misteru tar-Rużarju Mqaddes. Jgħid ukoll li l-artal hu miżmum tajjeb ħafna mill-ġbir tan-nies.

Nafu wkoll li f'dik is-sena l-prokuraturi kienu: Ġanni Agius u Kalċidon Fenech.

Fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-Isqof Laurentius Astiria tas-26 ta' Settembru 1673,, insibu li dan l-artal ġie trasferit fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida.

1 Cassar Pullicino J.: Malta in 1575, Melita Historica (1965).
2 Ferris Ach.: Storia Ecclesiastica di Malta pp 146-7.
3 Bonnici Art.: History of the Church in Malta Vol I p. 114.
4 Duzina P.: Visitatio Pastoralis, fol 69 — Arkivju Arċ.
5 Balaguer M.J.: Visit. Past. fol. 247. — Ark. Arċiv.
6 Duzina P.: Ms. Cit.
7 Balaguer M.J.: Visit. Past. fol. 207 — Ark. Arċiv.
8 Gargallo Th.: Visit Past. fol. 223 — Ark. Arċiv.
9 Arkivju Parrokkjali — Lib. 20 fol. 321.
10 Arkivju Parrokjali.

KUMITAT ĊIVIKU — BALZAN

Fil-laqgħa ġenerali tal-Kumitat Ċiviku — Balzan li saret fis-26 ta' Jannar, 1972 ġie elett dan il-Kunsill għas-sena 1972.

President:	Ir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras (Kappillan).
Segretarju:	Is-Sur Guido Borg.
Kaxxier:	Is-Sur Valentino Muscat.
V/President:	Is-Sur Victor Delicata.
Ass. Segretarju:	Is-Sur Victor Mifsud.
Membri:	Is-Sur Anthony Fenech. Is-Sur Carmel Bezzina. Ir-Rev. Dun Ġwann Dimech.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,
NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

QEGĦDIN BĦALISSA FIŻ-ŻMIEN ĊENTRALI TAS-SENA LITURĠIKA TAL-KNISJA. IR-RANDAN — IŻ-ŻMIEN TAL-PASSJONI — L-GĦID IL-KBIR.

Ir-Randan jagħtina okkażjoni biex nitħejjew mill-bogħod għall-akbar ġrajja tas-sena, u għandu jservina biex insiru aħjar milli aħna, kulħadd skond il-possibiltajiet u l-istat tiegħu. Illum ir-Randan tilef ħafna mill-ispirtu tiegħu f'għajnejn dawk li għalihom kollox sar igħaddi u xejn ma hu dnub, kif ukoll f'għajnejn dawk li jfittxu biss li ma jagħmlux dak li huwa dnub jew li jagħmlu biss dak li huma obbligati jagħmlu. Iżda hemm bżonn nifhmuha lkoll li l-penitenza hija dmir tagħna, ladarba aħna nqasna. Kif u meta nagħmluha din il-penitenza qiegħed f'idejna, imma jibqa' l-fatt li r-Randan huwa l-aħjar żmien, għax bil-Liturġija, bl-Eżerċizzi Spiritwali, u bi ħwejjeġ oħra għandna aktar għajnuna biex niftakru fi dmirijietna.

Iż-Żmien tal-Passjoni jdaħħalna fil-qalba tal-misteru tal-fidwa. Il-liturġija speċjali u solenni tal-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira fiha teżori fil-veru sens tal-kelma, għal min ma huwiex għal kollox materjalista, għall-meditazzjoni l-aktar siewja fuq l-imħabba bla qies t'Alla għalina. Bis-sehem tagħna fil-funzjonijiet tal-knejjes, biż-żjarat li nagħmlu lill-artal tar-repożizzjoni, bil-proċessjonijiet li jsiru f'ħafna mill-Parroċċi tagħna u b'tant okkażjonijiet oħra li jippreżentalna dan iż-żmien tal-Passjoni, għandna kull għajnuna li neħtieġu biex nieħdu sehem tassew attiv fit-tiġdid tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej b'mod li ngħixuhom fil-ħajja tagħna bħallikieku qegħdin isiru issa stess quddiemna.

L-Għid il-Kbir. Wara li nkunu ħadna sehem fit-tbatija ta' Ġesu', il-Knisja tixtieqna ngawdu miegħu l-misteru glorjuż tal-qawmien mill-mewt. Kemm hija sabiħa t-tifsira tal-funzjoni tal-lejl tal-Għid, meta kollox jiġġedded: ilma ġdid, nar ġdid, dawl ġdid, ħajja ġdida. Iva, ħajja ġdida, għax il-Mulej reġa' qam mill-mewt biex ma jmut qatt iżjed. Dan għandu jkun ukoll il-programm tagħna. Ħajja ġdida, biex ma nerġgħu mmutu qatt iżjed. Insiru bnedmin ġodda, għaliex nilbsu lil Kristu Rxuxtat. Iżda mill-mewt tas-salib irridu ngħaddu għall-glorja tal-Hallelujah. Jiġifieri rridu mmutu għad-dnub, għall-ġibdiet ħżiena tagħna, biex nistgħu nnisslu fina l-vera ħajja ta' wlied Alla, dik il-ħajja ġdida li llum jikseb il-Mulej. "Dan huwa l-jum li għamel il-Mulej", tgħidilna l-Liturġija, "ejjew nifirħu u nithennew fih".

Biex tkompli tfissrilna dan il-ħsieb ta' ħajja ġdida, il-Knisja trid li fi żmien il-Għid niġu mberkin aħna u djarna bl-ilma ġdid. Nilqgħu lill-Kappillan, meta jiġi għat-tberik solenni ta' djarna, b'dan l-ispirtu ta' awgurju sinċier mill-Knisja għal uliedha biex jibdew igħixu ħajja ġdida, li tixraq lil ulied Alla maħsulin bl-ilma tas-saħħa.

WAQT TAT-TLIETA

U nerġa' niftakar
fil-ġrajja mbikkija
x'ħin lilhom jien nisma
idoqqu t-twissija
li l-ħin tat-talb sar.

U nara quddiemi
lil Kristu bin Alla
b'salib fuqu mgħobbi
jitkaxkar bit-toqol
u jaqa' fil-ħofor
ta' dik it-triq iebsa
li mġiegħel hu jitla' mar.

U nilmħu jitneżża'
u jikxef id-dmija
u nara ġo ħarstu
il-ħarsa mifnija
għal ħafna għalxejn
moħlija.
Imdendel minn driegħu
jitgħawweġ bl-uġiegħ
jitkellem kemm jista'
bil-għatx mifni sħiħ
maħfra talab
għal min m'emmix fih.

Guido Borġ

IR-RAPPORT DWAR IL-KONKORS TAL-PREĊETT

(*jaqbad minn paġna 2*)

konkors ta' komponimenti u "essays" ma ngħatawx, il-premjijiet tal-konkors ta' tpinġija ntrebħu hekk:

Klassi (i) — L-ewwel Anthony Cassar; It-tieni Gino Parascandolo.

Klassi (ii) — L-ewwel John Zammit; It-tieni Raymond Parascandolo.

Attivita' oħra li l-Kumitat Ċiviku - Balzan organizza fl-okkażjoni ta' dan il-Konkors kienet dimostrazzjoni mar-raħal kollu bil-'placards' u d-daqq ta' marċi. Din id-Dimostrazzjoni, li ritratt tagħha deher fil-ħarġa li għaddiet ta' din il-gazzetta, saret nhar l-14 ta' Novembru, fil-11 a.m., u nistgħu ngħidu li kienet suċċess, għalkemm stennejna attendenza akbar. Iżda, kollox ma kollox, marret tajjeb.

B'hekk naraw li l-Kumitat Ċiviku tagħna għamel ħiltu kollha sabiex dan il-Konkors jintrebaħ mir-raħal tagħna. Sakemm morna għall-istampa ma kien għad kellna l-ebda aħbar dwar liema belt jew raħal ħareġ rebbieħ f'dan il-Konkors. Nittamaw li r-riżultat jitħabbar f'qasir żmien u li konkorsi ta' din ix-xorta jkomplu jiġu organizzati għax żgur li xi frott iħallu dejjem.

FAMILJA NADIFA RAĦAL NADIF

Nixtiequ niżżu ħajr lil dawk kollha li tawna l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom, b'mod speċjali lill-"Għaqda Żgħażagħ Balzanin" għas-somma sabiħa ta' £2. Nerġgħu nfakkru li mingħajr għajnuna bħal din ma nkunux nistgħu llaħħqu ma' l-ispejjeż ta' l-istampa.

FUNZJONIIJET TAL-GIMGHA L-KBIRA FIL-PARROCCA TA' HAL BALZAN

Ħadd, 26 ta' Marzu —	7.15 a.m. Funzjoni tat-tberik taż-żebbuġ u quddiesa.
Erbgħa, 29 ta' Marzu —	6.00 p.m. Via Sagra fit-toroq tal-Parroċċa. Wara quddiesa.
Ħamis, 30 ta' Marzu —	8.00 a.m. Matutin u Lawdi kantati.
	5.00 p.m. Quddiesa letta bit-tqarbin.
	6.00 p.m. Quddiesa kantata konċelebrata, ħasil ta' riġlejn l-Appostli u trasport tas-Sagrament.
	8.15 p.m. Viżti lil Ġesu Ewkaristija mal-Kappillan.
	10.30 p.m. Ċelebrazzjoni ewkaristika.
Ġimgħa, 31 ta' Marzu —	8.00 a.m. Matutin u Lawdi kantati.
	9.00 a.m. Viżti għat-tfal subien.
	9.15 a.m. Viżti għat-tfal bniet
	3.00 p.m. Funzjoni liturġika bit-tqarbin.
Sibt, 1 ta' April —	8.00 a.m. Matutin u Lawdi kantati.
	8.00 p.m. Quddiesa konċelebrata, bit-tberik tan-nar, tal-blandun u l-ilma tal-Magħmudija, u tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.
Ħinijiet tal-qrar Ħamis:	9.15-10.30 a.m.; 4.30-5.45 p.m.
Sibt:	9.15-10.00 a.m.; mill-4.30 p.m. 'il quddiem.

SPORTS

MINN J. C.

Issa li Ħal Balzan jonqsu jilgħab l-aħħar logħba tal-'league' dan l-istaġun kontra ż-Żurrieq, tajjeb li wieħed jgħid xi ħaġa fuq l-aħħar tliet logħbiet li aħna lgħabna.

Fi Frar lgħabna żewġ logħbiet fejn f'waħda rbaħna lill-Imqabba (2-0) iżda fl-oħra tlifna kontra l-ġirien tagħna 'Lija Athletics' (3-0). Kontra l-Imqabba, m'għandniex x'ingħidu, kienet faċli għalina fejn skurjajna darbtejn fl-ewwel taqsima b'gowls ta' Camilleri u Borg. Ħmistax wara, aħna ltqajna kontra Ħal Lija u, għalkemm tlifna, aħna qatt ma ġejna ddominati minnhom. B'din ir-rebħa, Ħal Lija telgħu jaqsmu l-ewwel post flimkien ma' Żurrieq u Senglea. Toħroġ il-għaġeb, fiż-żewġ logħbiet kontra Lija (il-logħba l-oħra ntlagħbet f'Novembru) aħna kważi dejjem lgħabna qadshom iżda ma rnexxielniex nieħdu punt.

L-aħħar partita li lgħabna kienet dik kontra l-Qrendi fejn irbaħna (1-0). Kienet partita bbilanċjata ħafna biż-żewġ timijiet jissieltu għaż-żewġ punti. Iżda aħna konna kemmxejn superjuri għalihom u skurjajna permezz ta' J. Camilleri. Kull ma jonqosna għal-'league' issa hu li nilagħbu kontra ż-Żurrieq. Hija partita daqsxejn diffiċli għalina minħbba li ż-Żurrieq għandhom plejers individwali li jippromettu ħafna.

Ta' min isemmi li t-tim tagħna tul dawn l-aħħar tliet logħbiet lagħab bi tliet 'goalers' differenti. Kontra l-Imqabba, fil-lasti tagħna lagħab Darmanin; kontra Ħal Lija lagħab Debono; u kontra l-Qrendi lagħab Caruana Curran. Ma tarawx li t-tim tagħna għandu bżonn ta' 'goaler' regolari fit-tim?

Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-plejers kollha tal-futbol li jekk ma jsirx ftit ta' l-isforz, il-"Footballer of the Year" ma tingħatax għax issa l-ebda plejer ma ddistingwa ruħu tul il-kompetizzjoni.

Hemm ħsieb li fis-sajf issir kompetizzjoni tal-Biljards. Jekk hemm xi ħadd li għandu xi suġġerimenti nieħdu pjaċir ħafna li jibagħtulna f'dan l-indirizz —

Editur Sports,
"Ħal Balzan",
c/o Każin tal-Banda
'St. Gabriel', Ħal Balzan.

Min irid jibgħat xi suġġerimenti fuq il-'league' jew fuq xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' Sports, jibgħatha f'dan l-indirizz t'hawn fuq. L-aħjar suġġeriment li jsir jiġi mxandar f'din il-gazzetta.

FID-DLAM

L-imgħoddi miet ......
nessuli d-dawl li jitfi u
jixgħel
bit-tifkiriet ......

Ħalluh idum
id-dlam tal-lum
biex ma narax tbissim
w anqas tislim
biex ħadd ma jħobbni
u 'l ħadd ma nqim
għax sibthom jiġru
miegħi
in-nies ta' żewġ uċuħ
u l-ferħ li fraħt il-bieraħ
ma damx ma sarli
dmugħ.
Fid-dlam — fejn ma
narax
għallinqas ma nerġax
nixtieq, nixtieq li norqod
u nibqa' ma nistax!

Ġorġ Borg

Huma meħtieġa, għal studju Postali, 'envelopes' ta' Malta bil-bolli wżati fuqhom. Aktar ma jkunu qodma aktar aħjar. Minflok ma' tqattgħuhom tistgħu tbiegħuhom.
Lis-Sur Anthony Fenech, 'Miele', Annunciation Str. Balzan.
Tel. 40705

KONT TAF LI...

* *L-istatwi tal-ġebel tal-Madonna u ta' l-Anġlu li nsibu fuq iz-zuntier inħadmu minn Sigismondo Dimech fl-1802.*
* *L-arloġġ il-qadim tal-Knisja, li llum m'għadux jintuża, kien ilu jaħdem mill-1745.*
* *L-kwadru titulari tal-Knisja Parrokkjali ġie mpitter minn Ġużeppi Calleja fl-1857.*
* *L-istatwi ta' l-Appostli S. Pietru u S. Pawl li nsibu fuq iz-zuntier fl-antik kienu fil-Kor tal-Knisja, wieħed kull naħa tal-kwadru titulari.*
* *L-għadam ta' S. Valentinu Martri, li ġie maqlugħ miċ-Ċimiterju ta' S. Elena f'Ruma, ġie mogħti lill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fis-26 ta' Jannar, 1820 mill-Isqof Grech Delicata.*
* *L-vara tal-Madonna tar-Rużarju, li tinsab fil-Knisja Parrokkjali, hija eqdem min dik tal-Lunzjata.*
* *F'Ħal Balzan jinsabu il-kunvent waħdieni tas-sorijiet tal-Bon Pastur, li ġew għall-ewwel darba f'Malta fl-1858.*
* *S-Sala Parrokjali li ġġib l-isem 'Aurora' bdiet tinbena fl-1956 u tlestiet fl-1962.*
* *L-akwadott, li ġie mibni mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt sabiex iwassal l-ilma mill-Imdina għall-belt Valletta, jgħaddi minn Ħal Balzan.*
* *Ħal Balzan hu magħruf għall-ġonna sbieħ tiegħu u għall-frott bnin li jipproduċi.*

PAUL VELLA
DRAPPIJIET U LBIESI TAL-PREĊTT
BLAZERS, KPIEPEL U UNIFORMIJIET TA' L-ISKOLA
5, MERCHANTS STREET, VALLETTA
Tel. C. 26222

ĠRAJJIET L-IMGĦODDI

minn ANTON

Għar-raba' darba nixtieqkom togħorku daqsxejn moħħkom u tippruvaw tiftakru f'xi ġrajjiet minsuġa mal-ħajja ta' dawk ta' qabilna, nies li għexu jew għadhom igħixu f'dan ir-raħal kwiet, imdawwar minn kullimkien b'ġonna ta' larinġ bnin.

Mal-medda ta' Triq Idmejda, jew kif kienet magħrufa dari, Sqaq Dmejda, jinstab il-Bon Pastur! Setgħu s-Sorijiet isibu post aktar kwiet sabiex fil-ħemda u s-skiet, jagħtu qima lil Alla u fl-istess ħin jaqdu waħda mill-isbaħ missjonijiet fdata f'idejhom? Nistħajjilkom issaqsuni, kif ġew Ħal Balzan is-Sorijiet tal-Bon Pastur? Igħidilna l-mejjet, twajjeb Kappillan tagħhom, Dun Ġius. M. Xerri, fi ktejjeb mitbugħ fil-Lux Press fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni ta' l-artali tal-Knisja, nhar it-8 ta' Marzu, 1953.

Wara li fittxew ħafna fil-Belt, iż-żewġ Sorijiet li kien għadhom kif ġew minn Smirni sabu u krew dar fejn illum hemm l-iskola tal-Bniet ta' Ħal Balzan u li fi żmien il-Gwerra kienet il-Qorti Ċivili. L-ewwel quddiesa fil-Kappella saret fil-15 t'Ottubru tas-sena 1858. Fis-sena 1898, sar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' fejn illum hemm il-Bon Pastur, imbierka mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pietru Pace, u fi żmien tliet snin tlestiet.

Ma nafx tiftakrux, fiż-żmien li kien jitqiegħed l-irħam fil-Knisja Parrokkjali, din il-knisja, flimkien mal-Knisja tal-Lunzjata l-Qadima, fi Triq it-Tliet Knejjes, kienu jservu għall-użu tal-Balzanin sabiex jieħdu s-Sagramenti Mqaddsa u jisimgħu l-Quddies. Għandna għax nirringrazzjaw 'l Alla li bagħtilna dawn is-Sorijiet ir-Raħal.

Kif tafu intom, fl-aħħar ħarġa, semmejna l-ħares! Xi qarrejja qaluli li jeżistu xi djar oħra, ir-raħal, fejn il-ħares xi kultant imur jagħti titwila! Fost dawk li semmewli, tnejn jinstabu wara Santa Marija u l-oħra fi Triq id-Dritta, n-naħa ta' Fuq. Xi nies, li meta kienu żgħar kienu jmorru d-Duttrina ġo waħda minn dawn id-djar, forsi jistgħu jagħtu raġun lil dawn it-talin li tarrfuli xi ħlieqa li ġrat f'dawn l-imberkin jew .... postijiet!

Dan l-aħħar erġajt qed nara ħafna subien jilagħbu l-boċċi! Meta konna żgħar, niftakar, il-logħob tal-boċċi kien il-għors tagħna! Għalkemm il-'ġinġell', il-boċċa wżata minn xi Ditta tal-Luminata sabiex isoddu l-flixkun, minn flok it-tapp tal-landa ta' dawn iż-żminijiet, m'għadux jidher, it-tfal xorta jagħżlu boċċa ta' kulur wieħed li huma jsejħu l-'bonċ'. Toħroġ il-għaġeb, 'laqta kicks' għadha tintuża minn dawn is-subien. Emmnuni, mhux l-ewwel darba noqgħod kwarta nħares lejhom hekk kif ikunu medhija jilagħbu taħt it-tieqa tiegħi li tagħti għal barra. Xi minn daqqiet l-għajjat tagħhom jidħol ġo moħħi l-aktar meta nkun nagħmel xi biċċa xogħol li trid il-kwiet; iżda nagħdirhom, u nħoss min igħidli, 'Mhux hekk kont tagħmel inti meta kont daqshom?'

Min-naħa l-oħra, l-bniet ma għadhomx jilagħbu ż-żibeġ! Dari, niftakar, kienet titħaffer ħofra u l-bniet ħallihom jedhew iqattgħu sigħat sħaħ jilagħbu. Kienet tibda l-ewwel dik li jirnexxilha titfa' l-aħħar żibġa minn dawk li jkunu qegħdu hija w sħabha ġol-ħofra. Imbagħad tmurlek daqs kantuniera bogħod, u wara li tkun għamlet il-qrun ħalli ma jisħtuhiex sħabha, bid-dwiefer ta' żewġt iswaba, titfa' l-'bubu' jew il-'bubun' jew il-bonċu' u fi tliet darbiet tipprova ġġibu fil-ħofra. Jekk tfalli, tmur l-oħra, u hekk sakemm fl-aħħar xi waħda minnhom jirnexxilha! Għal din il-logħba, żibġa ħamra li ma tantx kont issib fl-idejn, kienet tiswa għaxra, u żibġa sewda tlieta. Dawk li kienu jirbħu ħafna żibeġ, kienu jdommuhom madwar xi 'doiler' u fis-sajf ipoġġuhom fuq il-buqar ta' l-ilma ħalli ma tmurx taqa' xi nemusa fl-ilma.

Dan il-logħob x'aktarx kien isir fl-Isqaqien, għax dawn ma kinux asfaltati u ma tantx kienu jidħlu karozzi fihom. L-aktar toqob popolari kienu fi Sqaq id-Dingejru, ħdejn id-dar tal-Konti x-xiħ, u quddiem iż-Żerżura; fi Triq Santa Marija, fejn kienet tissejjaħ id-Daħla, fi Sqaq iz-Zekkuk, ħdejn Nazju, jew Trejż tat-Tanti; fis-Sqaq tal-Ġurdiena 'l ġewwa minn Ġorġ tal-pitrolju.

Għal ħabta ta' San Martin, minflok għaż-żibeġ, il-bniet kienu jilagħbu għall-ġellewż. Li jirbħu, kienu jitfgħuh ġol-ħorża li San Martin, dejjem qalbu tajba, ikun ipprovdielhom.

Il-qatgħa li semmejna ftit ilu, għamlet xi żmien isservi biex tintlagħab it-Tombla. Kull nhar ta' Ħadd jew Festa Kmandata, kont tara ħafna nisa jtellgħu t-Tombla. Fosthom kien ikun hemm Zolli, Katarin, Karmni, Rożina, Marì, Ġuża u ħafna nisa oħra

Fil-gazzetti, dawn il-ġranet, qed naqraw fuq iż-żjara tar-Reġina Elizabetta f'Singapore, u xi artijiet oħra tal-Lvant Imbiegħed. Għadni naraha, qisu lbieraħ, lir-Reġina meta żaret lil Ħal Balzan sena wara l-'Coronation' fl-1954. Għall-okkażjoni, daqqet il-banda 'San Gabriel' fil-Misraħ. Intrama' l-planċier ħdejn it-'Telephone Box' u fuq wara tal-planċier intremgħet fjura kbira tax-xemx safra. Ritratt ta' dan jeżisti l-Każin ta' Fuq. Wara diskors qasir, ir-Reġina ngħatat bukkett fjuri mill-ġonna li jżejnu r-raħal imfewwaħ tagħna.

Inġib fit-tmiem is-silta tal-lum bi kliem il-poeta:

"Kif nista' mmela ma nħobbokx ja demmi?!
Kif nista' miegħi ma
ngħannqekx u nħobbok?
Int taf in-naħal, taf ilwien
il-friefet,
taf il-larinġa, li ma bħalha,
tagħna,
taf is-smewwiet bid-deh'b u
l-fidda mtektka,
taf l-ilmijiet bla qiegħ li
jduru magħna.
L-għasafar tawk leħenhom,
is-siġar frotthom u ħdurithom
tawk ......
Bi ġwienaħ imżewqin u kollok
fwieħa.
il-moħħ u l-qalb
donnawk."

(minn "Lill Poeżija" ta'
Karmenu Vassallo)

Nota: Niġbdu l-attenzjoni tal-qarrejja li fil-ħarġa Nru 3. ta' Jannar/Frar 1972, fl-artiklu "Niftakru fl-Imgħoddi", miktub minn 'Anton', fejn ġie msemmi l-Isqof Pace Forno kellu jiġi msemmi l-Isqof Pietru Pace minflok.

XI ĠRAJJIET OĦRA

(minn Emm. Gatt)

Għadni niftakar kienu bdew il-vaganzi ta' l-iskola u żewġt itfal tiegħi xtaqu jagħmlu festa għat-tfal tat-triq kollha. Ftiehmu li kull tifel għandu joħroġ sitt ħabbiet, u jiena bħala omm xtaqt nikkuntentahom. Bil-flus li ġabru xtrajt ftit ħelu u xi ftit pasti. It-tifel il-kbir tiegħi, li llum qiegħed l-Awstralja, waħħal tabella daqshiex biex iħabbar li kien sejjer isir dan il-'party' u waħħalha fil-bidu tas-sqaq tad-Dingejru. Niftakar li kien kiteb dan il-kliem "PARTY KBIR — ĦELU, XORB, PASTI, U LOGĦOB TAN-NAR." Hekk kif waħda mill-ommijiet lemħet din it-tabella, malajr marret tgħid lin-nisa kollha tat-triq li Joe kien sejjer jispara l-murtali u ġiet tiġġieled miegħi. Xi nisa oħrajn bdew jgħidu li Joe kien sejjer joqtol it-tfal kollha tat-triq.

Wara li jien bil-paċenzja kollha kkalmajthom, urejthom x'kien dan il-logħob tan-nar. Ma kien xejn għajr żewġ soldi "fuqqaturi", kif konna nsejħulhom dak iż-żmien. Dawn il-fuqqaturi kienu jkunu fuq biċċa karta, kull waħda minnhom mhux ikbar minn ras ta' sulfarina. Meta n-nies rawhom qabdu jidħqu u kollha telqu 'l barra.

Il-'party' fl-aħħar beda. Niftakar kienu preżenti aktar minn tletin tifel u tifla. Għadni narahom qisu l-bieraħ kollha bil-platt u t-tazza f'idejhom. Kien fihom tassew għaxqa! Bilħaqq, waqt il-'party' kellna wkoll id-daqq tal-banda għax Joe beda jdoqq l-orgni tal-ħalq. Il-'party' spiċċa b'wiċċ il-ġid, allavolja fl-aħħar kien hemm il-logħob tan-nar!!

★

● *għall-artiklu dwar l-isports ara paġna 3.*

IT-TIPJIP

mit-Tabib

L-ISTORJA TAT-TIPJIP HIJA WAĦDA TWILA U TIBDA MINN ŻMIEN IR-RUMANI LI KIENU JPEJPU ĊERTI ĦXEJJEX MEDIĊINALI. IMMA KIEN SIR WALTER RALEIGH LI FIS-SEKLU SITTAX ĠAB MIEGĦU GĦALL-EWWEL DARBA T-TABAKK, KIF NAFUĦ ILLUM, LEJN L-EWROPA. SIR WALTER SKOPRA L-PJANTA TAT-TABAKK WAQT IL-VJAĠĠI LI KIEN QED JAGĦMEL FL-AMERIKA T'ISFEL.

Il-perikli tat-tipjip huma kbar, u mportanti ħafna li wieħed jikkonsidrahom tajjeb qabel ma jibda jpejjep. Fi studju li sar l-Ingilterra nstab li dawk li jpejpu jmutu ħafna aktar kmieni minn dawk li ma jpejpux. Instab ukoll li dan il-periklu hu akbar fost dawk li jibilgħu d-duħħan tas-sigarett. Il-pipa u s-sigarri m'humiex perikolużi għas-saħħa daqs is-sigarett, l-iktar jekk wieħed ipejjiphom b'moderazzjoni u kemm jista' jkun ma jiblax id-duħħan.

Tletin fil-mija tan-nies li jpejpu aktar minn ħmistax-il sigarett kuljum, isofru minn bronkite kronika. Dawn il-persuni jibdew jilmentaw minn attakki ta' sogħla ta' spiss, tisfir u tagħfis f'sidirhom, speċjalment kmieni filgħodu, qtugħ ta' nifs u fl-aħħarnett ikollhom ukoll bili li ġieli jkunu bid-demm. Ma' din il-bronkite kronika wieħed f'ħafna mill-każi jsib tracċi ta' ażma u jista' jkun ukoll ta' enfiżema. F'din l-enfiżema nsibu li l-bżieżaq żgħar ħafna li jinsabu f'numru kbir ħafna fil-pulmun, jibdew jiċċarrtu u b'hekk jibda l-qtugħ ta' nifs.

L-enfiżema tista' twassal għal ċediment tal-qalb jew/u għaċ-ċediment taċ-ċentru li hemm fil-moħħ li jikkontrolla n-nifs. Kulħadd naħseb jaf li kull min ipejjep għandu ta' mill-inqas għaxar darbiet aktar ċans minn sħabu li ma jpejpux, li jinġemagħlu kanċer fil-pulmun. Fl-1952 f'Malta kellna 23 każijiet ġodda ta' kanċer fil-pulmun u fl-1969, in-numru tela' għal 56. Fl-1969, 368 mietu b'kanċer u 75 minn dawn b'kanċer fil-pulmun. Disgħa biss minn dawn kienu nisa u 90% tal-każijiet kienu nies li jpejpu, ħafna minnhom aktar minn ħmistax-il sigarett kuljum

Minn dan naraw ċar li l-aħjar mod biex timrad b'kanċer fil-pulmun hu billi tpejjep. Huwa veru li s-sigaretti bil-filtru huma anqas perikolużi minn dawk ta' bla filtru, imma l-periklu xorta għadu hemm u għadu kbir ħafna. Instab ukoll li dawk li jpejpu għandhom erba' darbiet aktar ċans, minn dawk li ma jpejpux, li jkollhom kanċer tal-ħalq, tal-gerżuma u tal-esofagu jew tal-bużżieqa tal-urina. In-nikotina tas-sigaretti tagħmel ħażin ħafna għall-arterji b'mod speċjali tas-saqajn u tal-qalb. Instab ukoll li waqt it-tqala nisa li ma jpejpux ikollhom trabi akbar minn dawk li jpejpu.

Bħala poplu li suppost jibża' għal saħħtu, għandna d-dover li nagħmlu minn kollox biex neqirdu dan il-vizzju tat-tipjip minn fostna. Dan jista' jsir billi nagħmlu illegali kull xorta ta' propaganda favur is-sigaretti u billi ssir propaganda b'"posters" u films fuq il-perikli tat-tipjip. Għamilna minn kollox biex neqirdu l-logħob ta' l-ażżard fost iż-żgħażagħ; jewwilla t-tipjip m'huwiex minaċċa akbar għaliex mhux biss jolqot il-but imma wkoll is-saħħa tal-individwu.

Tipjip fuq karozzi pubbliċi għandu jiġi mrażżan b'mezzi ħorox, għax b'mezzi bħal dawn biss forsi nagħmlu xi ħaġa fil-kampanja kontra t-tipjip. Il-kura ta' kull vizzju hi mhux li tikkontrollah iżda li teqirdu darba għal dejjem. Hawn pilloli li jgħinu biex taqta' l-vizzju imma kollox jiddependi fuq l-irġulija u r-rieda tajba ta' dak li jkun.

GĦAQDA ŻGĦAŻAGĦ BALZANIN

L-"Għaqda Żgħażagħ Balzanin" ġiet imwaqqfa f'Settembru tas-sena 1970 minn ġuvintur u tfajliet li għandhom għal qalbhom il-letteratura u l-mużika. Din il-Għaqda tippreżenta Programm Mużiko-Letterarju bil-Malti u bl-Ingliż darba fis-sena. S'issa ġa ppreżentat żewġ programmi ta' din ix-xorta fis-Sala Aurora, Ħal Balzan, wieħed fit-28 ta' Ottubru 1970, u l-ieħor eżattament sena wara.

Barra minn dawn il-programmi, din il-Għaqda tagħmel żjajjar f'istituti u sptarijiet. L-aħħar mawra kienet għand il-"Little Sisters of the Poor" nhar il-Ħadd 27 ta' Frar 1972. Hemmhekk il-membri tal-Għaqda ppreżentaw kant u żfin, għamlu tombla, u qassmu ħelu, gallettini u sigaretti lix-xjuħ t'hemmhekk. Is-sigaretti ġew ġentilment mogħtija minn 'Carreras Ltd.', u l-Għaqda tixtieq tirringrazzja bil-qalb kollha lid-Ditta għal din il-għotja.

Hawn taħt jidher ritratt tal-membri tal-Għaqda għand il-"Little Sisters of the Poor."

J. Zammit
(Segretarja)

INTI LI QIEGĦED TAQRA ......

● X'jidhirlek mill-gazzetta "Ħal Balzan"?

● Qed issib xi kitba fiha li qed tolqtok aktar minn oħrajn?

● X'tip ta' artikoli tixtieq tara?

● Ibgħat is-suġġerimenti tiegħek lis-Segretarju tal-Kumitat Ċiviku — Balzan c/o Każin tal-Banda 'St Gabriel', Ħal Balzan.

● Jekk għandek xi offerta finanzjarja, aħna nilqgħuha bil-ferħa.